# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 12 ta' Lulju, 2023.**

**Numru 1**

**Rikors numru 452/21/1 JVC**

**L-Avukat Dr. Marlon Borg bħala mandatarju speċjali tal-assenti Michael Debono Mrden**

**v.**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar żewġ appelli, wieħed tal-avukat Marlon Borg *nomine* u l-ieħor tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Marzu, 2023, li permezz tagħha ġie ddikjarat li għalkemm il-kunjom tal-attur huwa Debono Mrđen, madankollu ladarba fil-preżent mhux possibbli għad-

Direttur konvenut li jdaħħal l-ittra 'đ' fl-atti ċivili miżmuma minnu, allura fl-att taż-żwieġ tal-attur għandha ssir annotazzjoni li tgħid li kunjom l-attur huwa Debono Mrdjen, b'dana li l-kunjom '*Debono Mrđen'* għandu jieħu post il-kunjom '*Debono Mrdjen*', meta s-sistema wżata mid-Direttur intimat tibda taċċetta l-ittra 'đ'.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tal-10 ta' Mejju, 2021, l-avukat Marlon Borg fisser li l-mandanti tiegħu, Michael Debono Mrđen, twieled bħala Michael Debono fit-22 ta' April, 1988. Iżid li l-mandanti tiegħu żżewweġ fil-Kroazja, lil Victoria Mrđen, nhar is-17 ta' Ġunju, 2017 u minn hemm 'il quddiem, huwa assuma l-kunjom ta' Debono Mrđen, kif hekk jidher mill-att taż-żwieġ Kroat. Ikompli jgħid li l-mandanti tiegħu kien ressaq talba skont l-**Artikolu 244** tal-**Kodiċi Ċivili** sabiex id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jirreġistra hawn Malta dan l-att taż-żwieġ Kroat. Ġara iżda li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku rreġistrah bħala Debono Mrden minflok Debono Mrđen.

3. Billi fil-fehma tal-mandanti tal-avukat Marlon Borg, ir-reġistrazzjoni mwettqa mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku hija waħda żbaljata u billi huwa jrid li kunjomu jidher bħala Debono Mrđen bħalma hemm fl-att taż-żwieġ Kroat, huwa fetaħ din il-kawża u talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

sabiex:

*«1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-kunjom ir-rikorrenti huwa dak skont l-att taż-żwieġ Kroat u ċjoè "Debono Mrđen";*

*2. Tiddikjara li hemm il-ħtieġa li ssir annotazzjoni l-att taż-żwieġ Malti fis-sens illi kunjom ir-rikorrenti għandu jaqra "Debono Mrđen" minflok Debono Mrden";*

*3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku a tenur tal-artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jaffettwa l-korrezzjoni meħtieġa fuq l-att taż-żwieġ Malti sabiex jaqra "Debono Mrđen" bl-għan li jirrifletti kunjomu fl-intier tiegħu u jikkorrispondi mal-att taż-żwieġ Kroat;*

*4. Tordna l-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku jaffetwa l-korrezzjonijiet fuq kwalunkwe att ċivili ieħor illi jirrifletti l-istess żball inkluż il-passaport tar-rikorrenti;*

*5. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati jinnotifika lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'kopja tas-sentenza sabiex jaffetwa d-debiti korrezzjonijiet fiż-żmien għaxart ijiem minn dakinhar li tgħaddi f'ġudikat skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjeż fil-konfront tal-intimat, inkluż tal-ittra uffiċjali.»*

4. Il-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku wieġeb fil-11 ta' Ġunju, 2021 u ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi fl-ewwel lok, tajjeb li jingħad illi r-rikorrenti għandu rimedju ordinarju ieħor quddiem il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili ai termini tal-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Illi a termini tal-artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir d-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;*

*3. Illi preliminarjament, stante illi r-rikorrent qed jagħmel referenza għall-att taż-żwieg tiegħu, u tenut kont tal-fatt illi l-lanjanzi tiegħu jikkonċernaw il-kunjom Mrđen, li huwa kunjom Kroat illi r-rikorrent assuma a bażi taż-żwieġ tiegħu ma' martu Viktoria, l-esponent huwa tal-umli fehma illi mart ir-rikorrent kellha tkun parteċipi f'dawn il-proċeduri u li konsegwentement, la darba mhijiex parteċipi fil-proċeduri odjerni, il-ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti ma jistax ikun wieħed integru, billi f'każ li jintlaqgħu t-talbiet attriċi kif dedotti, ir-riżultat ser ikun koppja miżżewġa b'kunjomijiet miktubin differenti minn xulxin;*

*4. Illi preliminarjament ukoll, għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;*

*5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-każ odjern kienet saret talba għar-registrazzjoni ta' att taż-żwieg esteru, liema att jinsab hawn anness u mmarkat bħala 'Dok.DRP1'. F'tali każ, id-Direttur konvenut jissottolinea illi reġistrazzjoni ta' att ta' stat ċivili ssir a termini tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn id-Direttur konvenut jislet l-informazzjoni mill-Att esteru u jirreġistra l-istess ad verbatim fuq dak Malti;*

*6. Illi mill-att taż-żwieg esteru riprodott fl-att taż-żwieg lokali bin-numru 1756/2017, hawn anness u mmarkat "Dok.DRP2', jirriżulta illi r-rikorrent għażel li juża l-kunjom Debono Mrđen filwaqt illi martu għażlet li tuża l-kunjom Mrđen Debono wara ż-żwieg. Billi l-kunjom Mrđen fih il-karattru "đ", illi la jafforma parti mill-alfabett Malti u lanqas minn dak Ingliż, il-kunjom tar-rikorrenti fl-att taż-żwieġ bin-numru 1756 tas-sena 2017 kif insinwat mid-Direttur intimat ġie mniżżel bħala Mrden.*

*7. Illi d-Direttur intimat diġà wieġeb għat-talbiet tar-rikorrent, kemm permezz ta' ittra bonarja kif ukoll permezz ta' ittra uffiċjali - vide l-ittri hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok.DRP 3' u Dok. DRP 4', rispettivament. Ir-rikorrent kien ġie nfurmat illi t-talba tiegħu ma tistax tintlaqa' stante illi din l-ittra "đ" hija karattru speċjali illi ma jeżistix fil-lingwa Maltija u Ingliża, u kien infurmat ukoll illi meta ssir traduzzjoni ta' atti li jkollhom dawn it-tip ta' ittri b'aċċent fuqhom, il-prassi hija illi t-traduzzjoni tieħu ħsieb li tittraduċi l-ħoss fonetiku tal-ittra kkonċernata, f'liema każ id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jkun jista' jirreġistra t-traduzzjoni b'dik il-verżjoni;*

*8. Illi fl-umli fehma tal-esponent, jekk din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent hekk kif dedotti, u tordna illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku jirregistra l-ittra 'đ', liema ittra hija għalkollox aljena għall-alfabett Malti u Ingliż, ikun qed jinħoloq preċedent perikoluż stante illi jeżistu diversi karattri oħrajn, f'lingwi oħrajn. A skans ta' ekwivoċi, qed ikun ikkjarifikat illi karattri illi huma aljeni għall-alfabett Malti u Ingliż ma jiffurmawx parti mis-sistema tar-Registru Pubbliku, u dan effettivament ifisser illi parti mill-prattika, huma impossibli illi t-talbiet tar-rikorrenti ikunu akkomodati;*

*9. Illi in oltre, ir-rikorrent qed jagħmel talbiet li jikkonċernaw ittra speċifika fl-alfabett Kroat u jinjora għalkollox ittri oħrajn f'lingwi oħrajn. Fl-umli fehma tal-esponent, l-akkoljiment tat-talbiet attriċi jista' jwassal għal trattament diskriminatorju fil-konfront ta' lingwi oħrajn illi ma jinkitbux skont l-alfabett Malti jew Ingliż;*

*10. Illi l-artikolu 5 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jistipola illi l-ilsien Malti huwa l-ilsien Nazzjonali ta' Malta, filwaqt illi l-ilsien Malti u l-ilsien Ingliż huma l-ilsna uffiċjali ta' Malta. Isegwi għalhekk li sakemm il-Parlament,*

*b'liġi mgħoddija b'mhux anqas minn żewġ terzi tal-membri kollha tal-Kamra tad-Deputati ma jippreskrivix li għandhom jiżdiedu lingwi oħrajn, bħall-Kroat, mal-Malti u l-Ingliż, l-obbligi tad-Direttur intimat ikunu mwettqin kemm il- darba jipproduċi atti miktubin bl-ilsna uffiċjali tal-pajjiż;*

*11. Illi in vista tal-premess, l-esponent huwa tal-umli fehma illi t-talbiet tar-rikorrent ma jimmeritawx illi jigu akkolti minn din l-Onorabbli Qorti;*

*12. Illi fir-rigward tar-raba' talba tar-rikorrent, ai termini tal-artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-atti tal-istat ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il- persuna, liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom. Illi għalhekk, u mingħajr pregudizzju għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna t-tibdil rikjest mir-rikorrent, l-esponent umilment jirrimarka illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrenti għandu jispeċifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv;*

*13. Illi in kwantu għat-talba tar-rikorrent sabiex ikun hemm tibdil rifless fil-passaport tiegħu, l-esponent jirrileva li ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir biss fl-atti tal-istat ċivili relattivi u mhux f'dokumenti uffiċjali. F'każ illi din l-Onorabbli Qorti jogħgobha tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u tordna li jsiru l-annotazzjonijiet fl-atti relattivi, kwalunkwe passaport li jinħareġ wara li jsiru tali annotazzjonijiet, jinħareġ bid-dettalji kif korretti fl-atti tal-istat ċivili tiegħu b'mod awtomatiku;*

*14. Illi finalment u mingħajr ħsara għall-premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew żball da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

*15. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

5. B'sentenza mogħtija fit-30 ta' Marzu, 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili wara li ċaħdet l-eċċezzjonijiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, iddeċidiet il-kawża hekk:

*«1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent limitatament u tiddikjara u tiddeċiedi illi kunjom ir-rikorrenti huwa dak skont l-att taż-żwieġ Kroat u ċjoè "Debono Mrđen" iżda li wkoll irriżulta li preżentement mhux possibbli għad-Direttur intimat li jindika l-ittra 'đ' fiċ-ċertifikat taż-żwieġ Malti iżda huwa possibbli li din l-ittra tiġi indikata bħala 'dj';*

*2. Tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrent limitament u tiddikjara li hemm il-ħtieġa li ssir annotazzjoni fl-att taż-żwieġ Malti tar-rikorrenti fis-sens illi kunjom ir-rikorrenti għandu jibda jaqra "Debono Mrdjen" minflok "Debono Mrden" u kull fejn jirriżulta l-kunjom 'Mrden' fl-istess att dan jiġi korrett għal 'Mrdjen' u wkoll li titniżżel annotazzjoni taħt il-kolonna tal-annotazzjonijiet li l-ittra 'đ' qed tiġi indikata bħala 'dj' stante li s-sistema Maltija ma taċċettax il-karattru 'đ'. Tordna wkoll li f'każ li fil-futur is-sistema użata mid-Direttur intimat tibda tippermetti li jiddaħħlu karattri estranei għall-alfabett Malti u Ingliż inkluż l-ittra 'đ', id-Direttur intimat għandu fl-att taż-żwieġ relattiv tar-rikorrent, mingħajr bżonn ta' ebda interpellazzjoni ġudizzjarja oħra iżda biss bil-poter ta' din id-deċiżjoni, jbiddel l-ittri 'dj' fil-kunjom 'Mrdjen' kull fejn dan jirriżulta fl-att taż-żwieġ għal kunjom bl-ittra 'đ' ċjoè 'Mrđen' u ssir annotazzjoni oħra f'dan ir-rigward. Tordna għalhekk li l-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku a tenur tal-artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaffettwa l-korrezzjonijiet meħtieġa fuq l-att taż-żwieġ Malti tar-rikorrenti kif indikat minn din il-Qorti.*

*3. Tilqa' r-raba' talba limitatament u tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku jaffettwa l-korrezzjonijiet kif ordnati minn din il-Qorti fuq kwalunkwe att ċivili ieħor fil-poter tad-Direttur intimat illi jirrifletti l-istess żball.*

*4. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati jinnotifika lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'kopja tas-sentenza sabiex jaffettwa d-debiti korrezzjonijiet fi żmien għaxart ijiem minn dakinhar li tgħaddi f'ġudikat skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*5. Bl-ispejjeż in vista tan-natura straordinarja tal-każ odjern jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.»*

6. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex taqta' l-kawża b'dan il-mod kienu dawn:

*«Illi dwar l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur intimat li jsostni li r-rikorrenti kellu rimedju ieħor quddiem il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili l-Qorti tqis din l-eċċezzjoni għalkollox frivola u vessatorja stante li mill-kumplessità tal-każ odjern l-Qorti tqis li kien ikun inutli li r-rikorrent jirrikorri quddiem dik il-Qorti stante li indubbjament dik il-Qorti ma setgħetx tagħti r-rimedju mitlub lir-rikorrenti in vista tan-nuqqas ta' qbil. Il-Qorti għalhekk ser tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur intimat.*

*Illi dwar l-eċċezzjoni tad-Direttur intimat li sostna li mart ir-rikorrent kellha tkun ukoll parti minn dawn il-proċeduri stante li t-talbiet jaffettwaw ċertifikat taż-żwieġ li huwa tagħha wkoll, il-Qorti rat li mart ir-rikorrent xehdet f'dawn il-proċeduri u kkonfermat dak li qed jitlob ir-rikorrent b'dana li allura hija qed takkonsentixxi għal dak mitlub. A skans ta' żieda*

*ta' spejjeż u dewmien ulterjuri la darba l-intenzjoni ta' mart ir-rikorrenti hija wkoll ċara fl-atti l-Qorti ser tiċħad din l-eċċezzjoni wkoll.*

*Illi fil-mertu mill-provi jirriżulta li ma hemmx dubju li l-kunjom tar-rikorrent ċjoè 'Debono Mrđen' ma ġiex indikat b'mod eżatt kif jidher fiċ-ċertifikat taż-żwieġ tar-rikorrent Kroat meta saret ir-reġistrazzjoni tal-istess żwieġ f'Malta stante li fil-fatt dan tniżżel bħala 'Debono Mrden'. Irriżulta wkoll li d-Direttur intimat ma kellu bl-ebda ħin il-possibiltà fattwalment li jirrimedja billi jbiddel il-karattru 'd' għal 'đ' stante li s-sistema tas-'software' użata mid-Dipartiment dan ma tippermettihx. Irriżulta wkoll li l-bidla mill-karattru 'đ'għal 'd' hija wkoll rikonoxxuta mill-istandards u regoli internazzjonali kif ġie saħansitra kkonfermat mill-awtoritajiet Kroati li rrispondew lir-Direttur intimat għall-kweżit tiegħu.*

*Il-Qorti tiddikjara li tifhem il-frustrazzjoni tar-rikorrent li ma jistax jiġi indikat bil-kunjom korrett tiegħu iżda min-naħa l-oħra din il-Qorti trid tara wkoll l-effett ta' dak mitlub minnu vis-à-vis l-interess pubbliku. Il-Qorti ma tistax ma tikkumentax li għalkemm mal-ewwel daqqa t'għajn it-talba tar-rikorrent sabiex tigi inkluża ittra waħda mill-alfabett Kroat fis-sistema tista' tidher bħala talba żgħira u li forsi ma tirrikjedix wisq sforzi, fil-fatt ħareġ mill-provi li anki sabiex sempliċement daħlu l-karattri Maltin fis-sistema dan kien proċess twil ħafna u li ma ġiex mingħajr problemi. Aħseb u ara li kieku s-sistema kellha tigi f'sitwazzjoni fejn kull ittra ta' kull alfabett eżistenti fid-dinja kellha tiddaħħal fis-sistema inkluż per eżempju l-karattri tal-alfabett għarbi jew ċiniż. Dan qed jingħad għaliex kieku din il-Qorti kellha tilqa' t-talba tar-rikorrent odjern, xejn ma jwaqqaf persuna oħra li titlob l-istess jedd li isimha u kunjomha jiġu miktuba bil-lingwa u l-karattri ta' alfabetti oħra li mhumiex dawk Malti jew Ingliż. Dan ċertament jikkrea rebus sħiħ fis-sistema.*

*Il-Qorti rat mill-atti li anki kieku kellha tilqa' t-talba tar-rikorrent u tordna li kunjomu jiġi ndikat bl-ittra 'đ', id-Direttur intimat isib ruħu f'sitwazzjoni li ma jistax jottempera ruħu mal-ordni tal-Qorti għaliex is-sistema ma tippermettilux li jagħmel dan. Il-Qorti fehmet iżda li huwa possibbli li l-ittra 'đ' tista tiġi rimpjazzata bl-ittri 'dj' biex anki fonetikament il-kunjom jinqara bl-istess pronunzja tal-lingwa Kroata. Rat iżda li fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu r-rikorrent ma ssottometta xejn dwar il-possibilità li hija aktar realistika li kunjomu jiġi indikat bħala 'Debono Mrdjen' flok 'Debono Mrđen' b'mod li allura fonetikament dan ikun ferm aktar viċin ir-realtà tal-pronunzjament tal-kunjom bil-lingwa Kroata. Rat iżda li kienet l-istess traduttur tar-rikorrent li sostniet li huwa aċċettabbli li l-ittra 'đ' tiġi indikata bħala 'dj'.*

*Il-Qorti għalhekk tqis li l-aktar soluzzjoni raġonevoli u proporzjonali fiċ-ċirkustanzi li tieħu kont kemm l-interessi tar-rikorrenti kif ukoll dawk pubbliċi. Għalhekk ser tipprovdi sabiex fin-nuqqas ta' sistema aċċessibbli lid-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz tagħha d-Direttur intimat jista' jniżżel mingħajr intoppi l-ittra 'đ' fil-kunjom 'Mrđen', ser tgħaddi sabiex tilqa' limitatament it-talbiet tar-rikorrent billi tordna li kunjom ir-rikorrent fid-dokumenti fil-poter tad-Direttur intimat u fejn*

*jirriżulta l-kunjom 'Mrden' fl-istess dokumenti dan jiġi indikat bħala 'Debono Mrdjen' u ssir annotazzjoni fid-dokument li tindika r-raġuni għalfejn il-kunjom ġie indikat bħala 'Debono Mrdjen' u mhux 'Debono Mrđen' u ċjoè li l-ittri 'dj' qed jirrimpjazzaw l-ittra 'đ' fuq ordni tal-Qorti stante li s-sistema Maltija ma tippermettix l-indikazzjoni ta' din l-ittra partikolari. F'każ li fil-futur is-sistema użata mid-Direttur intimat tibda tippermetti li jiddaħlu karattri estranei għall-alfabett Malti u Ingliż fosthom l-ittra 'đ' id-Direttur intimat għandu, mingħajr bżonn ta' ebda interpellazzjoni ġudizzjarja oħra iżda biss bil-poter ta' din id-deċiżjoni, jbiddel l-ittri 'dj' fil-kunjom 'Mrden' jew 'Mrdjen' għall-ittra 'đ' u ssir annotazzjoni oħra f'dan ir-rigward.»*

7. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku appella minn din is-sentenza b'rikors tas-27 ta' April, 2023 u talab it-tħassir biss ta' dik il-parti fis-sentenza fejn huwa ġie ordnat li fl-atti tal-istat ċivili tal-attur għandu jniżżel annotazzjoni, li l-ittra 'đ' qed tiġi indikata bħala 'dj' minħabba li s-sistema Maltija ma taċċettax il-karattru 'đ'.

8. Anke l-avukat Marlon Borg *nomine* appella minn din is-sentenza, b'rikors tat-28 ta' April, 2023, bid-differenza iżda, li huwa talab għat-tħassir tagħha kollha. Fl-appell tiegħu huwa jilmenta: (i) li l-Ewwel Qorti ħolqot aktar konfużjoni meta ordnat li kunjomu għandu jitniżżel bħala '*Debono Mrdjen*' għaliex kunjomu ma jinkitibx hekk; (ii) li l-Ewwel Qorti ma setgħetx minn jeddha tordna li l-kunjom jinbidel għal '*Debono Mrdjen'* għaliex ma tressqet l-ebda talba biex il-kunjom isir hekk; (iii) li skont l-**Artikolu 244 tal-Kodiċi Ċivili**, l-att taż-żwieġ Kroat kellu jiġi reġistrat hawn Malta kif inhu, jiġifieri bil-kunjom '*Debono Mrđen*'; u (iv) li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti kasbritlu l-jeddijiet fundamentali tiegħu kif imħarsa bl-**Artikoli 8** u **14 tal-Konvenzjoni Ewropea**.

9. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku wieġeb għall-appell tal-avukat Marlon Borg *nomine* fil-25 ta' Mejju, 2023 u ta r-raġunijiet tiegħu għala l-appell għandu jiġi miċħud. Min-naħa l-oħra l-avukat Marlon Borg *nomine* wieġeb għall-appell tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fit-2 ta' Ġunju, 2023 u fih semma r-raġunijiet tiegħu għaliex l-appell tad-Direttur ma jmessux jintlaqa'.

10. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

11. It-tilwima li għandha quddiemha l-Qorti tolqot kif għandu jiġi reġistrat f'Malta, l-att taż-żwieġ barrani tal-attur.

12. Hemm qbil bejn il-partijiet, li l-attur huwa ċittadin Malti, illi twieled hawn Malta fit-22 ta' April, 1988. Qabel ma żżewweġ, l-attur kien magħruf u jidentifika ruħu bħala Michael Debono. L-attur iżżewweġ lil Viktoria Mrđen fis-17 ta' Ġunju, 2017 ġewwa Siverić, fil-Kroazja u kif jidher mill-att taż-żwieġ Kroat tiegħu, l-attur iddeċieda li jassumi l-kunjom ta'

‘*Debono Mrđen’*.

13. Ġara issa li nqalgħet problema meta l-attur ġie biex jirreġistra dan l-att taż-żwieġ Kroat ġewwa Malta skont l-**Artikolu 244 tal-Kodiċi Ċivili**. Għalkemm id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku aċċetta u għaraf l-awtentiċità tal-att taż-żwieġ Kroat, huwa sabha bi tqila li jniżżel lill-attur bil-kunjom ‘*Debono Mrđen*’ għaliex is-sistema li żżomm it-tagħrif dwar l-atti tal-istat ċivili, mhijiex mgħammra biex taċċetta l-ittra ‘*đ*’ (l-ittra ‘*d*’ b’rasha maqtugħa).

14. Peress li s-sistema wżata mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ma tagħrafx l-ittra ‘*đ*’, id-Direttur qatagħha li jirreġistra lill-attur bħala ‘*Michael Debono Mrden’* minflok ‘*Michael Debono Mrđen’*.

15. L-attur iżda ma riedx li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jżomm kunjomu bħala ‘*Debono Mrden*’ u għalhekk fetaħ din il-kawża biex il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jirreġistrah hawn Malta bħala ‘*Debono Mrđen’*, bħalma hemm imniżżel fl-att taż-żwieġ Kroat.

16. L-Ewwel Qorti aċċettat li kunjom l-attur huwa tabilħaqq ‘*Debono Mrđen*’. Minkejja dan però, hija xorta waħda ma laqgħetx it-talba tiegħu biex huwa jiġi reġistrat f’Malta b’dan il-kunjom għaliex fehmet li s-sistema

preżenti mħaddna mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ma tagħrafx l-ittra '*đ'*. L-Ewwel Qorti iżda ma waqfitx hemm. Bi ħsieb li forsi tipprovdi rimedju xieraq lill-attur, l-Ewwel Qorti ddeċidiet li tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jirreġistra lill-attur bħala '*Debono Mrdjen'* u dan għaliex fonetikament l-ittra '*đ*' tinstema' bħala '*dj*'. Minbarra dan, l-Ewwel Qorti ordnat li fl-atti tal-istat ċivili tiegħu għandha titniżżel annotazzjoni li tgħid li għalkemm kunjom l-attur huwa '*Debono Mrđen'*, madankollu kunjomu ma setax jinkiteb hekk għaliex is-sistema ma tagħrafx l-ittra '*đ*'.

17. Ħadd miż-żewġ partijiet ma ħareġ kuntent b'din is-sentenza għaliex iż-żewġ naħat appellaw minnha. Filwaqt li l-attur appella għax għadu jinsisti li kunjomu għandu jiġi reġistrat hawn Malta kif suppost, jiġifieri bħala '*Debono Mrđen'*, mill-banda l-oħra d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku qajjem l-aggravju li huwa ma jistax iniżżel l-annotazzjoni ordnata mill-Ewwel Qorti dwar il-fatt li ma setax idaħħal l-ittra '*đ*' fl-att tal-istat ċivili rilevanti, għaliex appuntu s-sistema ma tħallihx idaħħal din l-ittra, lanqas fit-taqsima riżervata għall-annotazzjonijiet.

18. Din il-Qorti sejra billi tqis l-ewwel l-appell imressaq mill-attur għaliex jekk jirriżulta li dan huwa mistħoqq, fis-sens li kunjomu għandu jiġi reġistrat bħala '*Debono Mrđen'*, allura awtomatikament jaqa' l-appell tad-Direttur tar-Reġistru Pubbiku.

19. Fl-**<u>ewwel aggravju</u>** tiegħu, l-attur jgħid li s-sentenza appellata ħolqot aktar taħwid u inċertezza, meta laqgħet l-ewwel talba tiegħu li kunjomu huwa '*Debono Mrđen',* biex imbagħad ordnat li kunjomu għandu jiġi reġistrat bħala '*Debono Mrdjen'*. Ikompli fit-**<u>tieni aggravju</u>** tiegħu, li s-sentenza appellata ma tiswiex għaliex hija ordnat li jsir xi ħaġa li huwa ma talabx fir-rikors maħluf.

20. Il-Qorti titlaq billi tisħaq li l-liġi tħalli għalkollox f'idejn il-parti li tiddeċiedi u tagħżel x'għamla ta' kawża tixtieq tressaq. Dwar dan, lil dik il-parti ma għandu jindaħlilha ħadd, għaliex ir-riperkussjonijiet ta' għażla bħal dik jissarrfu fil-piż li dik il-parti trid iġġorr biex tipprova kif imiss dak li tippretendi u dak li titlob (ara ***Arthur Xuereb v. Silvio Borg et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Ġunju, 2019). Dan kollu huwa importanti li wieħed iżommu f'moħħu għaliex kif inhuwa sew magħruf fil-liġi u fil-ġurisprudenza tagħna, il-qrati superjuri għandhom joqogħdu għat-talba kif imfissra mir-rikorrent, b'dana li l-Qorti ma tistax tiddeċiedi fuq xi dritt jew ħaġa oħra li tkun tirriżulta imma li ma tkunx tidħol sewwa fit-talba kif imfissra mir-rikorrent, għaliex inkella s-sentenza tmur *ultra* jew *extra petita* u b'hekk tiġi li ma tiswiex. Mhux l-ewwel darba li l-Qorti tal-Appell kellha tħassar sentenzi mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għaliex din ma mxietx ma' dan il-prinċipju (ara pereżempju ***L-Avukat Dottor Roberto Montalto nomine et v. Edwin Bartolo et*** u ***Health Services Group Limited v. Id-Direttur tal-Kuntratti et***, it-tnejn mogħtija fit-28 ta' April, 2017).

21. Sewwasew f'dan il-każ, għalkemm jidher bil-wisq ċar li l-Ewwel Qorti kellha ċertu żelu li tipprova tagħti ġudizzju salomoniku li jinżel tajjeb maż-żewġ naħat, madankollu jibqa' l-fatt li l-attur qatt ma talab fir-rikors maħluf tiegħu li huwa jiġi reġistrat bħala '*Debono Mrdjen'.* L-Ewwel Qorti għalhekk ma setgħetx minn jeddha taqbad u tiddeċiedi li kunjom l-attur għandu jiġi reġistrat bħala '*Debono Mrdjen'.*

22. Dak li kellha tiddeċiedi l-Ewwel Qorti huwa jekk kunjom l-attur għandhiex tħallih bħala '*Debono Mrden',* kif hekk irreġistrah id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku; jew inkella jekk dan kellux jinbidel għal '*Debono Mrđen',* kif hekk talab l-attur fir-rikors maħluf tiegħu.

23. Jiġi b'hekk, li dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti ordnat li kunjom l-attur għandu jiġi reġistrat bħala '*Debono Mrdjen'* qiegħda tiġi mwarrba u f'dan is-sens iż-żewġ aggravji tal-attur qegħdin jintlaqgħu.

24. Ngħaddu issa għat-**<u>tielet aggravju</u>** tal-attur li huwa l-qofol ta' kollox.

25. L-attur jargumenta li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku kellu skont l-**Artikolu 244 tal-Kodiċi Ċivili** jirreġistra l-att taż-żwieġ Kroat kif inhu.

Għalhekk huwa jsostni li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku żbalja meta huwa rreġistrah bħala '*Debono Mrdjen'*, ladarba fl-att taż-żwieġ Kroat huwa jinsab imniżżel bħala '*Debono Mrđen'.*

26. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jwieġeb għal dan l-aggravju billi jgħid li l-attur kien aċċetta li l-att taż-żwieġ tiegħu għandu jiġi reġistrat f'Malta bħala '*Debono Mrden'* u għalhekk jisħaq li l-attur ma jistax jargumenta li sar żball.

27. Din il-Qorti iżda ma taqbilx ma' dan l-argument tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku. Jidher ċar li ried u ma riedx l-attur kellu jaċċetta li joqgħod għal dak li ried jirreġistra d-Direttur għaliex inkella ż-żwieġ tiegħu kien ħa jibqa' mhux reġistrat f'Malta. Fuq kollox, l-**Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili**, li jitkellem dwar it-tiswija ta' reġistrazzjonijiet ta' atti tal-istat ċivili, imkien ma jgħid li persuni li jkunu aċċettaw reġistrazzjonijiet ma jistgħux iressqu talba ġudizzjarja biex jitolbu li titwettaq korrezzjoni fl-atti tal-istat ċivili tagħhom. Tajjeb ukoll li wieħed iżomm f'moħħu, li l-iskop aħħari wara l-**Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili** huwa li jiġi żgurat li l-atti tal-istat ċivili jkun fihom tagħrif li jkun korrett. Għalhekk din il-Qorti temmen li talba ġudizzjarja għall-korrezzjoni ta' att tal-istat ċivili tista' tiġi mressqa anke jekk il-persuna li titlob dik il-korrezzjoni tkun aċċettat ir-reġistrazzjoni oriġinali li dwarha tkun qiegħda tintalab il-korrezzjoni.

28. Hekk imwarrab dan l-argument, din il-Qorti sejra tqis issa jekk f'dan il-każ id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku osservax dak mitlub minnu skont l-**Artikolu 244 tal-Kodiċi Ċivili** meta rreġistra kunjom l-attur bħala '*Debono Mrden'* minflok '*Debono Mrđen'.*

29. L-**Artikolu 244 tal-Kodiċi Ċivili** jaqra hekk:

> *«(1) Kull att ta' twelid, ta' żwieġ, ta' unjoni ta' stat ekwivalenti kif imfissra fl-Att dwar l-Unjonijiet Ċivili jew ta' mewt ta' ċittadin ta' Malta magħmul jew reġistrat f'pajjiż barrani minn awtorità kompetenti f'dak il-pajjiż, li ma jkunx att magħmul jew reġistrat skont l-artikolu 270(1) jew (2), jista', fuq talba ta' kull min ikollu interess u wara li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-awtentiċità ta' dak l-att, jiġi reġistrat f'dawn il-Gżejjer bl-istess mod bħallikieku kien att magħmul minn waħda mill-persuni msemmija f'dan it-Titolu.*
>
> *(2) Il-persuna li tagħmel it-talba għandha, għall-finijiet tar-reġistrazzjoni, tikkonsenja lid-Direttur l-att li dwaru tkun saret dik it-talba.»*

30. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-sentenza ***Mazen Dadouch v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku*** deċiża fil-5 ta' April, 2006, iż-żewġ elementi essenzjali li jitnisslu minn din id-dispożizzjoni huma: (a) li l-att magħmul minn awtorità kompetenti barranija jrid ikun jinvolvi ċittadin ta' Malta; u (b) li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jrid ikun sodisfatt mill-awtentiċità tiegħu.

31. Fil-każ tal-lum ma jidhirx li hemm kwistjoni li l-attur huwa ċittadin Malti u li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku kien sodisfatt li l-att taż-żwieġ inħareġ minn awtorità kompetenti. Kemm hu hekk, l-att taż-żwieġ Kroat ġie effettivament reġistrat f'Malta. Il-problema tinsab fil-fatt li d-Direttur

tar-Reġistru Pubbliku ma rreġistrax f'Malta l-kunjom '*Debono Mrđen',* li l-attur assuma skont l-att taż-żwieġ Kroat, iżda rreġistra l-kunjom '*Debono Mrden'*, minħabba li s-sistema kompjuterizzata wżata minnu ma tagħrafx l-ittra '*đ*'.

32. Illi kif tajjeb ingħad mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) fis-sentenza ***Benny Vella et v. Direttur tar-Reġistru Għal Għawdex et*** deċiża fit-28 ta' Mejju, 2007, joħroġ ċar minn qari tal-**Artikolu 244 tal-Kodiċi Ċivili**, li dak li għandu jiġi reġistrat f'Malta huwa l-att li jkun inħareġ mill-awtorità kompetenti fl-esteru u xejn iktar. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku huwa għalhekk marbut li jirreġistra l-att hawn Malta, bl-istess mod kif ikun inħareġ l-att barra minn Malta.

33. Fil-każ tagħna d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ma rreġistrax l-att taż-żwieġ barrani kif inħareġ mill-awtoritajiet Kroati iżda mmodifikah billi minflok il-kunjom '*Debono Mrđen'* huwa rreġistra l-kunjom '*Debono Mrden'.*

34. Minn kif taraha din il-Qorti, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ma kellux is-setgħa bil-liġi li jbiddel il-kunjom tal-attur minn kif inhuwa reġistrat fil-pajjiż barrani.

35. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku iżda jgħid li huwa ma jistax

jirreġistra l-kunjom proprju tal-attur għaliex is-sistema kompjuterizzata wżata minnu ma tħallihx illi jdaħħal l-ittra '*đ'* peress li din tħallih li jdaħħal biss ittri li huma mnissla mill-alfabett Malti jew Ingliż.

36. Din però mhijiex raġuni li toħroġ mil-liġi. Li kieku l-leġiżlatur ried li jillimita r-reġistrazzjoni ta' atti għal dawk biss li jkun fihom ittri li jkunu ġejjin mill-alfabett Malti jew Ingliż, huwa kien jgħidu fit-test tal-liġi. Dan bħalma nsibu fl-**Artikolu 278A tal-Kodiċi Ċivili**, li jagħti s-setgħa lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku illi jirrifjuta milli jaċċetta ismijiet mogħtija lit-trabi li jkunu iqsar minn tliet ittri, li jkun fihom numri jew simboli, li jkunu kunjom komuni f'Malta, li jkunu mnissla minn kelma oxxena jew offensiva, jew li jkunu sejrin jesponu lill-istess tarbija għar-redikolu jew disprezz.

37. Billi f'dan il-każ l-**Artikolu 244 tal-Kodiċi Ċivili** jorbot lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku illi jirreġistra l-att barrani kif inhu u billi ma jirriżultax li hemm xi artikolu li jixbaħ lill-**Artikolu 278A**, li jagħti s-setgħa lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku illi jaċċetta biss kunjomijiet miktubin bl-alfabett Malti jew Ingliż, huwa ma setax f'dan il-każ jiddeċiedi li ma jirreġistrax l-att taż-żwieġ Kroat bħala '*Debono Mrđen'.*

38. Il-fatt waħdu li s-sistema preżenti wżata mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ma taċċettax l-ittra '*đ'* ma tbiddilx din il-konklużjoni. Dan aktar u aktar, meta wieħed iqis li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ma ħarrek l-

ebda espert tekniku biex jixhed li hija verament impossibbli li s-sistema Maltija tibda taċċetta l-ittra '*đ';* u li f'kull każ, mill-ġabra tal-provi, ħareġ li dan l-aħħar ġew introdotti l-ittri bil-Malti fis-sistema inkwisjoni. Għalhekk bħalma ġew introdotti l-ittri bil-Malti tista' tiddaħħal ukoll l-ittra '*đ*'.

39. Jista' jkun li trid ix-xogħol biex idaħħal din l-ittra '*đ*', imma kif jingħad fil-Latin, *adducere inconveniens non est solvere argumentum*. Tassew l-inkonvenjenza ma tistax tinġieb bħala raġuni biex tirbaħ jew twaqqa' azzjoni.

40. Din il-Qorti lanqas ma taqbel mal-Ewwel Qorti meta fis-sentenza tagħha hija tagħti x'tifhem li huwa fl-interess pubbliku li s-sistema kompjuterizzata għandha tibqa' kif inhi. Bil-maqlub, huwa fl-interess pubbliku li s-sistema attwali tiġi modernizzata biex taqdi l-ħtiġijiet tal-lum, biex ma ngħidux ukoll li hemm obbligu pożittiv fuq il-Gvern li jieħu ħsieb li jħaddem sistema tajba li tiżgura li ma jkunx hemm kunflitti bejn atti reġistrati barra u atti reġistrati f'Malta.

41. F'dan il-każ, jekk il-kunjom tal-attur huwa '*Debono Mrđen'* huwa xieraq li kunjomu jiġi reġistrat f'Malta hekk kif inhu. Din il-Qorti ma tarax li sejjer jinħoloq *rebus* sħiħ jekk kunjom jiġi reġistrat kif inhu. Aktar jinħoloq *rebus* jekk il-kunjom jiġi reġistrat b'mod differenti għaliex id-differenza fil-kunjom indikat fl-att tal-istat barrani u fl-att tal-istat ċivili Malti tista' twassal

għal kunflitt fl-identifikazzjoni tal-persuna. Wieħed ma jridx jinsa wkoll hawnhekk li r-reġistrazzjoni ta' atti barranin taħt l-**Artikolu 244 tal-Kodiċi Ċivili** jgħodd biss għal ċittadini Maltin.

42. Għalhekk il-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li l-attur għandu raġun fit-tielet aggravju tiegħu meta jgħid li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku naqas milli jimxi mal-**Artikolu 244 tal-Kodiċi Ċivili** meta dan naqas milli jirreġistra kunjomu kif inhu fl-att taż-żwieġ Kroat u għalhekk jeżistu l-estremi taħt l-**Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili** biex ikun hemm korrezzjoni fir-reġistrazzjoni mwettqa mid-Direttur, fis-sens li l-att taż-żwieġ tal-attur għandu jiġi reġistrat f'Malta bil-kunjom '*Debono Mrđen'* u mhux bil-kunjom '*Debono Mrdjen'.*

43. Peress li l-Qorti sejra tordna li fl-att taż-żwieġ Malti għandu jkun hemm il-kunjom '*Debono Mrđen'*, allura huwa naturali li l-appell tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex l-ittra '*đ'* ma tiffigurax fl-att taż-żwieġ Malti ma jistax jiġi milqugħ.

44. Din il-Qorti tagħlaq billi tgħid li għalkemm hija sejra tilqa' t-talba tal-attur biex ikun hemm il-korrezzjoni f'kunjomu, hija mhijiex sejra tilqa' r-raba' t-talba tiegħu biex din il-korrezzjoni ssir fi żmien għaxart ijiem skont l-**Artikolu 256 tal-Kodiċi Ċivili**. Ir-raġuni hi li minn dak li ħareġ mill-provi jirriżulta ċar li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku mhuwiex f'qagħda llum li

jwettaq din il-korrezzjoni fi żmien ta' għaxart ijiem skont il-liġi peress li l-ewwel hemm bżonn li jkun hemm aġġornament tas-sistema elettronika wżata minnu. Għalhekk għalxejn li l-Qorti timponi t-terminu ta' għaxart ijiem, li diġà taf li d-Direttur ma jistax iżomm miegħu.

45. B'danakollu, bil-ħsieb li tħeġġeġ u ċċaqlaq lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jwettaq il-korrezzjoni ordnata b'din is-sentenza, din il-Qorti tara li huwa xieraq li tinqeda bis-setgħat mogħtija lilha taħt l-**Artikolu 222 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Dan l-artikolu tal-liġi jaqra hekk:

> *«**222**. Jekk it-talba tkun dwar esekuzzjoni ta' fatt, fis-sentenza għandu jingħata żmien, skont iċ-ċirkostanzi, li fih it-tellief għandu jesegwixxi l-fatt, u għandu jingħad ukoll kif għandha tiġi esegwita s-sentenza fin-nuqqas tal-esekuzzjoni tal-fatt.»*

46. Kif ingħad fis-sentenza ***Carmel sive Charles Attard et v. Bernardette Licari*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Marzu, 2011, it-tħaddim tal-**Artikolu 222 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** hija fakultà mogħtija lill-Qorti li tiddeċiedi x'għandu jiġri f'każ li l-eżekuzzjoni ta' fatt ordnat bis-sentenza ma tiġix imwettqa. Tali fakoltà taqa' fil-parametri tal-azzjoni mressqa u għalhekk l-użu tal-**Artikolu 222** ma jistax jitqies bħala wieħed li huwa *extra* jew *ultra petita*.

47. Sewwasew f'dan il-każ, biex ma jiġrix li l-attur ikun kiseb sentenza fil-vojt, ladarba din il-Qorti mhijiex sejra timponi t-terminu ta' għaxart ijiem

sabiex id-Direttur iwettaq il-korrezzjonijiet meħtieġa, hija tara li huwa xieraq li bit-tħaddim tal-**Artikolu 222 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, timponi terminu ta' sitt xhur biex huwa jwettaq il-korrezzjoni, b'dana li jekk il-korrezzjoni ma titwettaqx sa dan iż-żmien, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għandu jħallas penali ta' €20 għal kull jum ta' dewmien wara li jagħlqu s-sitt xhur.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda: (i) tiċħad l-appell imressaq mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku; (ii) tilqa' l-appell imressaq mill-avukat Marlon Borg *nomine*; (iii) tħassar is-sentenza appellata; (iv) tilqa' l-ewwel tliet talbiet attriċi kif imressqa sabiex il-kunjom fl-att taż-żwieġ Malti jiġi jaqra '*Debono Mrđen'*; (v) tilqa' r-raba' talba attriċi basta li għall-għanijiet tal-**Artikolu 253(3) tal-Kodiċi Ċivili** l-attur jindika permezz ta' nota n-numru u s-sena relattivi tal-atti tal-istat ċivili li hemm bżonn li ssir korrezzjoni tal-kunjom fihom; u (vi) tiddisponi mill-ħames talba attriċi billi minflok tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jwettaq il-korrezzjonijiet meħtieġa fi żmien għaxart ijiem skont l-**Artikolu 256 tal-Kodiċi Ċivili**, tordnalu jwettaq dawn it-tibdiliet fi żmien sitt xhur mil-lum u dan minħabba li hemm bżonn li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jaġġorna s-sistema kompjuterizzata qabel iwettaq il-korrezzjoni, b'dana iżda li għall-għanijiet tal-**Artikolu 222 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u**

**Proċedura Ċivili** tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex iħallas lill-attur jew lill-mandatarju tiegħu penali ta' għoxrin ewro (€20) għal kull jum li huwa jdum biex iwettaq il-korrezzjonijiet, wara li jgħaddi ż-żmien ta' sitt xhur mogħti hawn fuq.

Fl-aħħar nett, billi din il-kawża kienet tolqot prinċipju ta' liġi mhux tas-soltu, il-Qorti qiegħda tordna li l-ispejjeż ġudizzjarji marbuta mas-sentenza tal-ewwel grad u mas-sentenza tal-appell għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm